**154. Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor Alfred Sant ippropona:-**

Illi din il-Kamra tar-Rappreżentanti,

WARA LI RAT ir-Regolamenti tal-1994 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (Avviż Legali 49 tal-1994) magħmula bis-saħħa tal-artikoli 37(3) u 72 tal-Att tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali; liema Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali se jkollha l-għan li "ġġib 'il quddiem l-interessi komuni tal-kunsilli lokali u li tirrappreżenta lill-Kunsilli Lokali f'assoċjazzjonijiet internazzjonali ta' awtoritajiet ta' gvern lokali";

WARA LI RAT kif l-istess regolamenti, partikolarment fl-artikoli 5 u 6 u fl-ewwel u fit-tieni skedi tagħhom, jipprovdu għall-elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali;

WARA LI NNOTAT kif anki l-elezzjoni minn fost il-kunsilliera li joħorġu bħala kandidati għall-Kumitat Eżekuttiv se tkun organizzata fuq bażi ta' firda bejn il-partiti politiċi;

WARA LI RAT kif ir-regolamenti fl-artikolu 7 tagħhom jipprovdu li l-Ministru jaħtar id-delegazzjoni tal-Assoċjazzjoni fil-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Ewropa;

BILLI r-riżultati tal-elezzjonijiet għall-kunsilli lokali li saru f'Novembru 1993, f'Jannar, Frar, Marzu u April 1994, ikkonfermaw bl-aktar mod ċar li l-maġġoranza taċ-ċittadini ma jridux li l-elezzjonijiet għall-kunsilli lokali jiġu organizzati fuq bażi ta' partiti, imma jriduhom isiru fuq bażi ta' għażla bejn iċ-ċittadini nfushom;

BILLI skont ir-regolamenti, hu l-Ministru li jagħżel id-delegazzjoni għall-Kungress, meta l-proċedura demokratika għandha tkun li l-kunsilliera eletti għall-Kumitat Eżekuttiv għandhom jitqiesu awtomatikament bħala l-membri tad-delegazzjoni;

BILLI skont l-Interpretation Act, Kap. 249, Artikolu 11, din il-Kamra tista' tannulla avviż legali maħruġ taħt liġi bħall-Att tal-1993 dwar Kunsilli Lokali, sakemm tiġi ppreżentata mozzjoni f'dan is-sens, fi żmien 28 ġurnata minn meta l-avviż legali jkun tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra;

BILLI r-regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Avviż Legali 49 tal-1994) tpoġġew fuq il-Mejda ta' din il-Kamra mill-Onor. Prim Ministru Dr Eddie Fenech Adami fis-27 ta' April 1994;

GĦALHEKK DIN IL-KAMRA TAR-RAPPREŻENTANTI

TQIS li l-mod tal-elezzjoni tal-kunsilliera għall-Eżekuttiv Nazzjonali tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali permezz ta' listi li jifirdu l-kunsilliera fuq il-bażi ta' politika partitarja, jmur kontra x-xewqa mfissra espliċitament miċ-ċittadini bil-vot tagħhom;

TAGĦRAF li l-għażla tad-delegazzjoni għall-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali ta' l-Ewropa ma għandhiex issir b'deċiżjoni ministerjali; u

TANNULLA r-Regolamenti ta' l-1994 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (A.L. 49 ta' l-1994).

5.5.1994